Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/390

25.2.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/390

tat-23 ta' Frar 2026

dwar l-estensjoni tal-azzjoni meħuda mill-Ministeru Netherlandiż għall-Infrastruttura u l-Ġestjoni tal-Ilma li tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Vectobac WG f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2026) 980)

(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 55(1), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Mejju 2025, f'konformità mal-Artikolu 55(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Ministeru Netherlandiż għall-Infrastruttura u l-Ġestjoni tal-Ilma ("l-awtorità kompetenti tan-Netherlands") adotta deċiżjoni biex ikunu jistgħu jsiru t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Vectobac WG mill-utenti professjonali għall-kontroll tal-larvi u tal-adulti tan-nemus eżotiku invażiv f'postijiet fuq ġewwa ("l-azzjoni") sat-28 ta' Ottubru 2025. F'konformità mal-Artikolu 55(1), it-tieni subparagrafu ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti Netherlandiża għarrfet lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bl-azzjoni u bil-ġustifikazzjoni għaliha.

(2) Il-prodott bijoċidali Vectobac WG huwa prodott bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 (insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra), kif definit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Fih ir-razza AM 65–52 tal-*Bacillus thuringiensis* subsp. *israelensis* bħala sustanza attiva u fin-Netherlands huwa awtorizzat biss għall-użu fuq barra. L-azzjoni ppermettiet l-użu fuq ġewwa tal-Vectobac WG, f'postijiet fejn tiġi identifikata l-preżenza ta' nemus eżotiku invażiv, minn utenti professjonali.

(3) F'konformità mal-informazzjoni li tat l-awtorità kompetenti Netherlandiża, l-azzjoni kienet meħtieġa biex titħares is-saħħa pubblika. In-nemus eżotiku invażiv, bħall-*Aedes albopictus* u l-*Aedes aegypti*, jista' jaġixxi bħala vettur għat-trażmissjoni ta' mard tropikali, bħad-deni dengue u d-deni isfar u jista' jipperikola s-saħħa pubblika. Il-preżenza tan-nemus eżotiku invażiv ġiet identifikata fin-Netherlands mhux biss fuq barra, iżda wkoll f'postijiet fuq ġewwa, bħall-portijiet u l-ajruporti. Skont l-awtorità kompetenti Netherlandiża, ma hemm l-ebda alternattiva disponibbli għall-kontroll ta' nemus eżotiku invażiv u l-larva tiegħu f'postijiet fuq ġewwa.

(4) Fit-2 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet talba motivata mingħand l-awtorità kompetenti Netherlandiża għall-estensjoni tal-azzjoni f'konformità mal-Artikolu 55(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. It-talba motivata kienet ibbażata fuq tħassib li l-preżenza tan-nemus eżotiku tista' tkompli tiġi identifikata f'postijiet fuq ġewwa wara t-28 ta' Ottubru 2025, u dan joħloq theddida għas-saħħa pubblika, u l-ħtieġa li jkun jista' jiġi kkontrollat dak in-nemus u li jiġi minimizzat ir-riskju ta' mard potenzjali li jista' jittrażmetti.

(5) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti Netherlandiża, inġiebet għall-attenzjoni tagħha l-intenzjoni li tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-Vectobac WG li tkopri wkoll l-użu fuq ġewwa. L-awtorizzazzjoni tal-prodott għall-użu fuq ġewwa tkun tirrappreżenta soluzzjoni fit-tul għall-użu tal-Vectobac WG. Madankollu, huwa meħtieġ żmien sinifikanti għat-tħejjija tal-applikazzjoni u l-evalwazzjoni sussegwenti tagħha.

(6) In-nuqqas ta' kontroll xieraq tan-nemus eżotiku invażiv u l-larvi tiegħu jista' jipperikola s-saħħa pubblika u dak il-periklu ma jistax jitrażżan b'mod adegwat bl-użu ta' alternattivi oħra. Għalhekk huwa xieraq li l-awtorità kompetenti Netherlandiża titħalla testendi l-azzjoni għal perjodu ta' 550 jum.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

(7) Peress li l-azzjoni skadiet fit-28 ta' Ottubru 2025, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika b'mod retroattiv.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ministeru Netherlandiż għall-Infrastruttura u l-Ġestjoni tal-Ilma jista' jestendi sat-2 ta' Mejju 2027 l-azzjoni li tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Vectobac WG mill-utenti professjonali għall-kontroll tal-larvi u tal-adulti tan-nemus eżotiku invażiv f'postijiet fuq ġewwa, dment li jiżgura li l-prodott jintuża biss f'dawk il-postijiet fejn tkun ġiet identifikata l-preżenza tan-nemus eżotiku invażiv.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ministeru Netherlandiż għall-Infrastruttura u l-Ġestjoni tal-Ilma.

Għandha tapplika mid-29 ta' Ottubru 2025.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Frar 2026.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni